

- 3) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 4) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat l-ispejjeż rispettivi tagħha u għandha tiġi kkundannata tbat l-ispejjeż sostnuti minn AV.

(¹) ĠU C 406, 7.12.2015, p. 46

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tieni Awla) tal-21 ta' Lulju 2016 – De Nicola vs BEI
(Kawża F-100/15) (¹)**

(Servizz pubbliku — Persunal tal-BEI — Evalwazzjoni — Rapport ta' evalwazzjoni 2013 — Deċiżjoni tal-Kunitat tal-Appelli)
(2016/C 364/38)
Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Carlo De Nicola (Strassen, il-Lussemburgo) (rappreżentanti: inizjalment minn L. Isola u G. Isola, avukati, sussegwentement minn G. Ferabecoli, avukat)

Konvenut: Bank Ewropew tal-Investiment (rappreżentanti: inizjalment minn G. Nuvoli u J.-P. Minnaert, aġenti, u A. Dal Ferro, avukat, sussegwentement minn G. Nuvoli u G. Faedo, aġenti, u A. Dal Ferro, avukat)

Suġġett tal-kawża

It-talba, minn naħa, li jiġi annullat ir-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrent għas-sena 2013 u, min-naħħa l-oħra, id-deċiżjonijiet konsekuttivi u konnessi tal-BEI bħad-deċiżjoni li ma jīgix promoss għall-grad D kif ukoll it-talba għal kumpens għad-dannu morali u materjali allegatament subit.

Dispożittiv tas-sentenza

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Carlo De Nicola huwa kkundannat ibati l-ispejjeż tiegħu stess u huwa kkundannat ibati l-ispejjeż sostnuti mill-Bank Ewropew tal-Investiment.

(¹) ĠU C 414, 14.12.2015, p. 41.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (It-Tielet Awla) tal-20 ta' Lulju 2016 – U (*) -vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-104/15) (¹)

(Servizz pubbliku — Pensjoni tas-superstiti — Artikoli 18 u 20 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal — Konjuġi superstiti ta' ex uffiċjal — Eliġibbiltà — It-tieni żwieġ — Ugwaljanza fit-trattament bejn uffiċjali)

(2016/C 364/39)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: U (*) (rappreżentant: F. Moyse, avukat)

(*) Informazzjoni mħassra jew mibdula fil-qafas ta' protezzjoni ta' data personali u/jew kunkfidenzjalitā.

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Gattinara, A.-C. Simon u F. Simonetti, aġenti)

Intervenjent insostenn tal-konvenuta: Il-Parlement Ewropew (rappreżentanti: M. Ecker u E. Tavena, aġenti)

Suġġett tal-kawża

It-talba għall-annullament tad-deċiżjoni li ma għandhiex tingħata pensjoni ta' superstiti lir-rikorrenti.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tal-24 ta' Settembru 2014, li permezz tagħha l-Kummissjoni Ewropea rrifxutat li tilqa' t-talba ta' M. U(*), intiża għall-għoti ta' pensjoni ta' superstiti fir-rigward tar-raġel mejjet tagħha, ex uffiċċjal intitolat għal pensjoni ta' anzjanitā, hija annullata.
- 2) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat l-ispejjeż rispettivi tagħha u hija kkundannata għall-ispejjeż sostnuti minn M. U(*) .
- 3) Il-Parlement Ewropew għandu jħalli l-ispejjeż rispettivi tiegħu.

(*) ĠU C 302, 14.09.2015, p. 71

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (Imħallef wieħed) tal-20 ta' Lulju 2016 – HL vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-112/15) (¹)

(Servizz pubbliku — Uffiċċiali — Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal — Proċedura ta' promozzjoni 2014 — Dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni tal-Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal — Lista ta' Uffiċċiali proposti għall-promozzjoni mid-diretturi ġenerali u mill-kapipiet ta' dipartimenti — Omissjoni tal-isem tar-rikorrenti — Possibbiltà ta' kontestazzjoni tal-lista ta' uffiċċiali proposti għall-promozzjoni quddiem il-kumitat kongħunt tal-promozzjoni — Eżami kumparattiv tal-merti tal-uffiċċiali proposti għall-promozzjoni — Opinjoni adottata minn kumitat kongħunt — Obbligu ta' motivazzjoni)

(2016/C 364/40)

Lingwa tal-kawża:L-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: HL (rappreżentant: R. Rata, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Berardis-Kayser, G. Berscheid u A.-A. Gilly, aġenti)

Suġġett tal-kawża

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-AIPN li l-isem tar-rikorrenti ma jiġix inkluż fil-lista ta' uffiċċiali promossi fil-kuntest tal-proċedura ta' promossjoni annwali tal-2014.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) HL għandha tbat l-ispejjeż tagħha u hija kkundannata għall-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

(¹) ĠU C 320, 28.09.2015, p. 55.

(*) Informazzjoni mħassra jew mibdula fil-qafas ta' protezzjoni ta' data personali u/jew kunfidenzjalitā.